# *Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa*

## **Minuti**

## **Disa' Legislatura**

### ***Laqgħa numru 61***

***5.30p.m 20 ta' Ġunju 2023***

### ***Preżenti***

Is-Sur Josef Azzopardi - Sindku
Is-Sur Joseph Scerri - Viċi Sindku
Is-Sur Colin Pace - Kunsillier
Is-Sur Dominic Spencer - Kunsillier

### ***Assenti b'Apoloġija***

Is-Sur Francis Debono - Kunsillier
Is-Sinjura Charmaine Aquilina - Kunsillier
Is-Sur Joseph Lia - Kunsillier

### ***Uffiċjal Preżenti***

Edward Spiteri Audibert - Segretarju Ezekuttiv

## *Minuti*

Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ippresjeda l-laqgħa.

### *61.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji.*

61.1.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li l-Kunsill irċieva ittra t'apoloġija min tlett kunsilliera, s-Sur Francis Debono minħabba raġunjijiet ta' xogħol, u mis-Sinjura Charmaine Aquilina u s-Sur Joe Lia rispettivament minħabba raġunijiet personali.

## *61.2 Kunsiderazjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

61.2.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi staqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti tal-Laqgħa numru 60. Is-Sindku spjega li kien hemm bżonn li fil-minuti preċedenti l-Kunsillier is-Sur Francis Debono kien imniżżel bħala assenti, iżda jrid ikun imniżżel bħala assenti b'apoloġija hekk kif kien laħaq informa lis-Sindku personalment li ser ikun imsiefer fuq xogħol. Wara li ħadd mill-membri ma kellu emendi oħra fuq il-minuti msemmija, l-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer ssekonda. Il-Vot favur kien unanimu.

### *61.3 Komunikazzjoni mis-Sindku*

61.3.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi nnota bi pjaċir li l-Kunsill Lokali tal-Marsa ser ikun qed jibbenefika min skema kulturali maħruġa mid-dipartiment li l-ammont tagħha ser ikun qed jammonta għall-€16,000. Dawn il-flejjes huma skedati li ser ikunu qed jintefqu għall-attivitajiet marbuta mall-Milied ta' din is-sena.

61.3.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li fuq nota pożittiva wieħed seta' jinnota li l-bieb ta' barra l-Kunsill ġie rrestawrat b'sengħa min wieħed mill-ħaddiema tal-Kunsill. Is-Sindka qal li jemmen li hawn qbil fil-Kunsill biex min issa l-quddiem jibda jdur it-twieqi.

61.3.3 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi nnota li matul din il-ġimgħa kien hemm ħafna rimi llegali ta' skart ħdejn il-korsa. Madankollu, hawnhekk ukoll fuq nota pożittiva kien hemm individiwu li nqabad u ser ikun qed jiġi mressaq mill-Pulizija.

## *61.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera*

61.4.1 Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace lmenta li fejn il-kaxxa tal-BCRS qed ikun hemm ħafna ħmieġ li qed jiġi mormi hemm llegalment u dan qed jiġġenera rwejjaħ nsapportabbli. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li huwa għadu kif tkellem mall-persuna responsabbli u qallu li l-magna ser titnaddaf

regolarment. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li l-problema hija mhux li qed titnaddaf il-magna mma li mhux qed jitnaddaf il-post, apparti l-fatt li l-magna kella ddur imma s'issa ma daritx. Il-Kunsillier Spencer qal ukoll li filwaqt l-magna taċċetta ċertu tip ta' skart ma taċċettax l-iskart kollu. Is-Sindku qal li min għada stess ser ikun qed jibgħat il-ħaddiema tal-Kunsill sabiex kuljum jibdew jiġbru l-iskart li tkun ħalla barra u fejn hemm il-bżonn anke tinħasel l-art tal-madwar.

61.4.2 Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace qal li kien hemm residenta li ħarġet l-organic waste bag ħames metri l-bogħod mid-dar tagħha u qalet ċitazzjoni ta' €150. Huwa spjega li filwaqt li japprezza li hemm bżonn l-infurzar fil-lokalita' ma jistgħax jifhem kif persuna tingħata ċitazzjoni minħabba li ħarġet il-borza fil-ħin u poġġietu ħames metri l-bogħod mill-għatba tal-bieb. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li filwaqt li ma jistgħax jidħol fil-mertu ta' dan il-każ, l-Kunsill f'każijiet bħal dawn ma jkunx jistgħa jidħol fix-xogħol tal-infurzar mill-membri tal-LESA.

61.4.3 Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace qal li kien hemm u-shaped bollard fi Triq tal-Karmnu li għada ma saritx. Huwa qal ukoll li hemm każ ta' persuna li għandhu garaxx fi Triq Balbi u jixtieq li l-Kunsill jiżboħ din il-parking bay għaliex qed jipparkajaw in-nies quddiemu. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li l-kwistjoni partikulari tal-persuna nkwistjoni jafa u jikkonferma li meta l-garaxx jibda jintuża l-persuna ser ikollu parking bay skond kif titlob il-liġi.

61.4.4 Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace staqsa jekk il-vann tal-Kunsill jistgħax jintuża min anzjana li ta' kuljum trid tmur ġo dar tal-anzjani f'Mdina Road Ħal Qormi. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li l-persuna tista' ċċempel il-Kunsill u naqduha bl-aħjar mod possibli.

61.4.5 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li fejn hemm Formosa hemm madum maqlugħ mall-bankina u hemm bżonn li jekk m'hemmx madum bħalu jsir cement biex jitneħħa l-periklu. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li dan huwa xogħol li hemm bżonn li jsir immedjatament.

61.4.6 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li quddiem l-għassa tax-xatt fejn hemm iz-zebra crossing, hemm belisha lights maqlugħa li hija wkoll ta' periklu. Apparti hekk il-Kunsillier jixtieq jiġbed għall-attenzjoni li fit-toroq tal-madwar hemm bżonn li jitnaddaf speċjalment fl-akwata ta' Spencer Hill u ħdejn l-MOBC fejn hemm ħafna kaxxi. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li dwar il-belisha lights il-Kunsill ser jinforma lill-Transport Malta sabiex din tinbidel, apparti hekk dwar l-indafa ser ikun qed jinforma l-kenniesa.

61.4.7 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer spjega li hemm familja fi Triq id-Dawl ma Triq is-Sebħ li qed jilmentaw minħabba problema ta' sriedaq u li qed ikun ta' detriment għal saħħithom. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li ser ikun qed jinforma l-public health dwar din il-problema.

61.4.8 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li hemm bożża quddiem tal-Kantina fi Triq Balbi li hija mitfija. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kunsill ser ikun qed jieħu ħsieb li jinforma l-kuntrattur.

61.4.9 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer ġibed għall-attenzjoni tal-Kunsill li ma saritx triq sħiħa fi Triq is-Salib tal-Marsa minħabba siġra. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li ser ikun qed jiċċekja dwar din il-kwistjoni.

61.4.10 Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace qal li kemm-il darba lmenta mall-awtoritajiet tal-Housing li l-proġett li hemm fi Triq il-Jum ma Triq Xemxija mhuwiex up to standard, u hemm periklu kbir għall-persuni li jkunu għaddejjin min hemm. Il-Kunsillier qed jissuġġerixxi li ssir on-site meeting

mall-OHSA immedjatament. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li propju fid-29 ta' Mejju kien kellimhom sabiex jirranġaw din is-sitwazzjoni.

61.4.11 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer ilmenta dwar ix-xogħol li sar mill-kuntrattur fuq it-toqob li hemm fi Triq Balbi, hekk kif il-materjal li uża huwa ħażin, għax ftit li xejn fiħ cement, u kollu qed jitfarfar. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li fejn ix-xogħol sar ħażin huwa importanti li l-kuntrattur jerġa jagħmlu.

61.4.12 Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri qal li fi Triq is-Sajjieda qed ikun hemm lambretta ibboldjata mall-art apparti li nxtraw żewġ muturi oħra li qed jokkupaw parking bays ta' karozza. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li jekk il-Kunsill jagħmel bye law il-parking bays ma jibqgħux indikattivi. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li fid-dawl ta' dan jixtieq li huwa jkellem lis-Surġent tal-Community Police biex jiġi ggwidat kif jista' jindirizza din il-problema.

61.4.13 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer xtaq jitlob informazzjoni dwar jekk il-Kunsill irċeviex iktar feedback dwar id-direzzjoni tat-traffiku fi Triq il-Kunċizzjoni. Il-Kunsillier qal li huwa rċieva lment dwar il-parking, għax qed ikun hemm ħafna parking fuq linji sofor. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li anke f'dan ir-rigward ser ikun qed jinforma l-Community Police.

## *61.5 Kunsiderazjoni* u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti

61.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta' spjega tal-pagamenti skond l-iskeda 06/2023 annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti oħra dwar il-kontijiet l-oħra mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab l-approvazzjoni għall-ħlas tagħhom. Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda u l-vot favur kien unanimu.

.

## *61.6 Deċiżjoni u Konsiderazzjoni fuq Korrispondenza*

61.6.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq informa l-Kunsill li ġiet diskussa bejniethom il-problema fin-numri tad-djar u blokkok fl-ewwel parti ta' Triq Azzopardi. Peress li hemm xi djar privati li tħallew mingħajr numri meta sar in-numerar qed isir suġġeriment biex din il-parti tat-triq tingħata isem ġdid (il-parti li tibda minn Triq Nerik Sacco u tasal sa Triq San Franġisk u parti min Triq Bajjada. Wara diskussjoni fost dawk preżenti l-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer fakkar lill-Kunsilliera li kien iniżjalment żball mill-istess kummissjoni u għalhekk l-izball għandhu jkun irranġat billi jkun hemm numerar ġdid u mhux tiġi msemmija triq ġdida. Is-Sindku qabel li l-Kunsill ser ikun qed iwassal dan il-messaġġ. Wara li ħadd min dawk preżenti ma kellu aktar mistoqsijiet il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

61.6.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kumitat festi Esterni Marija Reġina qed tistaqsi jekk il-Kunsill bħal kull sena hux interessat jagħmel reklam fuq il-pubblikazzjoni tal-Festa. Id-daws tar-reklam huwa ta' A5, full colour għal prezz ta' €250. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

61.6.3 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li l-Banda Marija Reġina qed tistaqsi jekk il-Kunsill bħal kull sena hux interessat jagħmel reklam fuq il-pubblikazzjoni tal-Festa. Ir-reklam huwa full colour għall-prezz ta' €300. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *61.7 Riżultati Finanzjarji ta' l-Ewwel Kwart tas-Sena 2023 ;*

61.7.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jagħti rendikont tal-andament finanzjarju tal-Kunsill Lokali għall-ewwel kwart ta' din is-sena, jiġifieri għall-perjodu ta' bejn Jannar u Marzu 2023. Il-Segretarju spjega li matul dan il-perjodu l-Kunsill rregistra defiċit ta' madwar €40,000 li għalkemm jidher negattiv, fil-verita' dan huwa tnaqqis mid-defiċit ta' madwar €51,000 li ġie rreġistrat fl-aħħar tas-sena 2022. Dan ifisser li l-Kunsill qed irazzan l-infieq biex f'qasir żmien il-Kunsill jkompli jnaqqas id-defiċit. Is-Sindku spjega li dan it-tnaqqis fid-deficit qed isir minkejja li s-servizzi tal-Kunsill baqgħu jingħataw bħas-soltu. Wara li ħadd min dawk preżenti ma kellu oġġezzjoni, l-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unaimu.

## *61.8 Riżultati Finanzjarji Awditjati għas-Sena 2022;*

61.8.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jagħti d-dettalji tar-riżultati finanzjarji tal-Kunsill għas-sena 2022. Is-Segretarju spjega li hija proċedura li wara li jsir l-awditajar ikun hemm bżonn li jsiru aġġustamenti fid-dokument finanzjarju, madankollu, t-tibdil f'dan il-każ ser ikun wieħed minimu u li mhux ser jaffettwa l-figura finali. Fil-fatt, kien hemm aġġustament ta'€224 fid-dawl u l-ilma, €219 fil-kont tat-telefon u €232 oħra għall-servizzi oħra. Wara li ħadd min dawk preżenti ma kellu mistoqsijiet oħra l-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *61.9 Update fuq il-Ġurnata ta' Għawdex;*

61.9.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ressaq fuq il-mejda tal-kamra l-flyer li ġie ppublikat għall-attivita' f'Għawdex u li diġaż beda' jiġi mqassam. Is-Sindku qal li minħabba d-domanda għall-attivita' bħal din, ser tkun qed issir fuq jumejn fl-20 taż Lulju u fit-3 t'Awissu rispettivament. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal jekk ir-restaurant jistgħax jagħmel arrangament għall-ikel tat-tfal fejn ikun il-każ, hekk kif dawn mhux ser ikunu qed jieklu bħal kbar. Is-Sindku qal li ser ikun qed jinnegozja miegħu dwar l-ikel tat-tfal. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *61.10 Fence fi Ġnien 6 t'Awissu;*

61.10.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li ftit tal-ġranet ilu kellu laqgħa mall-Pulizija tal-Kommunita' fejn qed jitolbu li ssir fencing madwar Ġnien 6 t'Awissu bil-għan li jitnaqqsu l-abbużi mill-akwata u jiżdied il-kontroll. Is-Sindku spjega li biex isir dan il-fencing hemm bżonn ħafna flus u money-wise l-Kunsill ma jiflaħx joħroġ dawn il-flus, madankollu, hemm id-Development Funds tal-Planning Authority. Filwaqt li kien hemm diskussjoni fost dawk preżenti l-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri spjega li jekk hemm abbozz ta' liġi l-Pulizija trid taġġixxi. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li hemm bżonn ta' rifletturi taħt il-pont u taħt is-siġar ikun mixgħul. Apparti hekk il-Kunsillier staqsa jekk il-Pulizija hux ser ikunu qed jiftħu jew jgħalqu l-ġnien. Is-Sindku spjega li l-Pulizija jaħdmu by mitigation, billi jnaqqsu l-possibilita' ta' kriminalita', dettalji tal-għeluq u ftuħ ma ġewx diskussi, u għalhekk is-Sindku ssuġġerrixa li għalissa jsiru pjanti mill-perit sabiex ikollna ideja ta' dak li jista' jew ma jistgħax jsir. Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *61.11 Update – Vann tal-Kunsill;*

61.11.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li matul dawn l-aħħar gimgħat is-Segretarju Eżekuttiv ħa xi kwotazzjonijiet ta' vann tax-xogħol b'kaxxa miftuħa fuq wara. Is-Segretarju qal li vann ġdid ser ikun qed jiswa madwar €50,000, filwaqt li vann second-hand ivarja fil-prezz bejn il-€15,000 u €19,000 rispettivament. Jekk il-Kunsill imur għall-leasing, il-prezz ikun ta' madwar €31,000 għall-perjodu ta' ħames snin, li jkun jinkludi fost affarijiet oħra tindif tal-vann, u kull tip ta' maintenance. Wara perjodu ta' ħames snin, jekk il-kuntratt jiġġedded, il-Kunsill jingħata vann ġdid. Kien hemm diskussjoni fost dawk preżenti dwar il-bżonn ta' dan il-vann, u ġie miftiehem li għalissa l-Kunsill ser ikun qed jkompli jfittex kwotazzjonijiet f'dan ir-rigward. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *61.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

61.12.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8.00pm u ġiet aġġornata għas-25 ta' Lulju fil-5.30pm fil-bini amministrattiv tal-Kunsill kif kien miftiehem fis-seduta ta' qabel.

IFFIRMATA

Josef Azzopardi
Sindku

IFFIRMATA

Edward Spiteri Audibert
Segretarju Eżekuttiv